**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U GĦOXRIN**

**15 ta' MARZU, 2012**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Joseph Caruana.

**SKUŻAT**

Il-membru Annetto Bugeja avża li ma setgħax jattendi minħabba luttu fil-familja.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**24.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

24.1.1 Fir-rigward ta' punt 23.2.1 il-membru Joseph Caruana qal li l-bankina ma saritx tajba. Hu ssuġġerixxa li s-Segretarju Eżekuttiv tiffissa laqgħa bejn il-kuntrattur li jagħmel il-bankini u bejnu biex ifiehmu kif għandu jsir ix-xogħol.

Kien hemm qbil fuq dan.

24.1.2 Fir-rigward ta' punt 23.2.3 reġa daħal ilment li r-resident li kien għamel l-ilqugħ għall-ilma fi Triq Bubaqra reġa għamel ilqugħ magħmul minn trabijiet imbalta.
Is-Segretarju Eżekuttiv kienet tkellmet ma' bin ir-resident u minħabba li l-pulizija kienet laħqet proċediet bil-każ ir-resident iddeċieda li ma jiktibx l-ittra li kien qabel fuqha l-Kumitat Amministrattiv.

Kien hemm qbil li ċ-Chairperson jerġa jitkellem ma' bin ir-resident fuq din il-kwistjoni u jekk jibqa jinsisti jerġa jsir rapport lill-pulizija.

24.1.4 Il-minuti tas-seduta numru 23 ġew approvati.

***24.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

24.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li minħabba li ġiet imħabbra l-mewt ta' omm il-membru tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, ssuġġerixxa li tinxtara kuruna għall-funeral. Il-funeral ser isir nhar il-Ġimgha 16 ta' Marzu, 2012 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

Kien hemm qbil fuq dan.

24.2.2 Iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li jsir refresh taż-zebra crossing ta' Vjal l-Indipendenza u jiġi rrappurtat li l-globi tagħha mhux jixgħelu.

Issuġġerixxa li kull ilment li sar fuq refresh ta' marki tat-toroq u fuq patching isir works order għalihom.
Kien hemm qbil fuq kollox.

Kien hemm qbil li tiżdied it-tumbata li hemm fil-bidu tat-trejqa li mill-HOS Bubaqra tagħti għal fejn l-iscouts.

***24.3 'Tieġ Malti' – 12 ta' Mejju, 2012***

24.3.1 Preżenti fis-seduta kien hemm 4 rappreżentanti tal-Kumitat sezzjoni attivitajiet fi ħdan is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina. Is-Sur Schembri wieħed mill-membri awgura u feraħ lill-persuni kollha li ġew eletti fl-aħħar elezjoni tal-Kunsilli Lokali u awgura li jsir kull ġid għar-raħal sabiex iż-żrieraq ikollhom biex jiftaħru bil-frott li jintlaħaq.

24.3.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li talab din il-laqgħa għax fadal biss xahrejn biex issir l-attivita u l-Kumitat Amministrattiv irid ikun aġġornat bl-attivita'. Hu żied jgħid li l-Kumitat ser jonfoq l-istess spejjeż li nefaq fl-attivita' tas-sena l-oħra.
Ġew imqajma dawn il-punti li hemm bżonn li tinġibed l-attenzjoni fuqhom:

- L-invoices u l-irċevuti fiskali (irċevuta fiskali griża biss valida)
- Logos li hemm bżonn li jsiru fuq l-avviżi.
- Ir-rotta ser tkun – Misraħ Santa Marija – Triq Santa

Marija- Triq ir-Rettur - Parti minn Triq Bubaqra u Misraħ Santa Marija.

- Servizz mis-St John Ambulance Brigade
- Mobile Toilets
- Tindif wara l-attivita'
- Reklami fuq il-media u face book
- Bins mill-Green Pak
- Esebizzjoni ta' snajjiet u artiġjanar - Jingħata ċertifikat ta' parteċipazzjoni lil kull min ikun ħa sehem.
- Tintbagħat ittra bieb bieb b'avviż tal-attivita'
- Jiġu ordnati 3 pulizija – wieħed min-nofsinhar sal-11pm u tnejn oħra mis-6.00pm sal-11.00pm
- Tiżjien ta' ħwiemel bil-karrettuni.

***24.4 Leħen Bubaqra***

24.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li ser jagħti żmien sa nhar it-Tlieta biex jiġbor ir-writeups għall-fuljett.

Kien hemm qbil fuq dan.

***24.5 Programm għall-Għid***

24.5.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia poġġa fuq il-mejda reklam li fassal biex jitqassam fid-djar. Kien hemm qbil fuqu wara li sar xi tibdil żgħir.

24.5.2 Kien hemm qbil li l-Ħadd tal-Attivita' l-Kumitat Amministrattiv jitlob is-servizz tal-iscouts. Iċ-Chairperson qal li tkellem mal-iscouts u lesti li jagħtu s-servizz għal €140 inkluż il-VAT.

Kien hemm qbil fuq dan.

24.5.3 Kien hemm qbil li jintalbu 3 bottijiet issiġillati mingħand Puttinu Cares biex il-flus miġbura jintefgħu ġo fih mill-ewwel.

***24.6 Ilmenti***

24.6.1 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li l-Kunsill imissu jagħmel pressjoni mal-Gvern biex il-post tal-uffiċċju tas-Servizzi Soċjali jitnaddaf u forsi jinstab post ieħor mingħajr taraġ.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

24.6.2 Il-membru Joseph Caruana qal li fi Triq Ħal Far xorta baqgħu jagħddu trakkijiet u jsiru kontravenzjonijiet f'Bubaqra b'vetturi jipparkjaw f'postijiet projbiti.

Kien hemm qbil li jiġu nfurmati l-pulizija.

***24.7 Appuntament għas-seduta li jmiss***

24.7.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 16ta' April, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

24.7.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-8.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta'April, 2012.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**